# IL-BAŻILKA TAL-QABAR TA' KRISTU

David, Sultan il-Lhud, kien minn Betlehem. F'żogħritu kien jirgħa n-nagħaġ. Hu u ħiereġ jew dieħel bieb il-belt, bil-merħla, kien jaqbad iż-żir u jimlieh bl-ilma mill-bir li kien hemm, u jixrob xarba.

Dak iż-żmien ħelu u mistrieħ tat-tfulija, meta kien hieni u bla ħsieb, ġieh quddiem għajnejh darba, waqt it-taħbit ta' kburitu. U ħarġitlu minn qalbu karba, bħal fexxa qawwija ta' hemm, u magħha l-kliem ta' niket: "Ah! Kieku xi ħadd iġibli nixrob xarba ilma, mill-bir li hemm f'Betlehem, ħada l-bieb!" (II Slaten XXIII, 15-17).

Bħal ma hi ħaġa minn awl id-dinja li fit-tbatija tiftakar fil-hena, hekk ukoll hi ħaġa minn awl id-dinja li fix-xjuħija tiftakar fiż-żogħżija. U hekk wisq drabi jiġrili jiena. Naħseb fis-snin ta' żogħżiti li għaddejt fil-Belt Imqaddsa, u mnn qalbi toħroġli weħedha t-tnehida: "Ah! Kieku nista' nerġa' nara 'l Ġerusalem! Kieku nista' nżur imqar żjara waħda, bħal dawk ta' dari, lil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu!"

Imma dak li ma nistax nagħmel bil-ħaqq u bil-ġrajja, nista' nagħmlu bil-ħjiel u bil-ħsieb. Nista', jekk irrid, immur inżur żjara bil-ħsieb lil Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Sa mmur mela, sa Ġerusalem, u ngħaddi ftit tal-ħin f'dik il-knisja, imbierka wisq aktar mill-knejjes kollha. U billi għal Qabar ta' Kristu naf li qalb kull ħadd tħoss, min jaqra dil-kitba nistħajjel li ġej miegħi.

* * *

Biex tidħol il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, trid tgħaddi minn ġewwa bitħa ċċangata bil-ħaġar tal-qawwi, u mdawra bil-ħitan għoljin. Il-knisja hija stil Gotku, bil-bieb qaws maqsum, bħal xi erba' knejjes qodma li baqa' Malta (Santa Marija tal-Gudja, il-Lunzjata taż-Żurrieq, San Bert tar-Rabat u San Bażilju tal-Imqabba). Fiha żewġ bibien tewmin u żewġ twieqi fuqhom, tewmin ukoll. Bieb minnhom magħluq bil-ħaġar, u l-bieb l-ieħor miftuħ.

Kif tidħol, flok korsija, bħal knejjes oħra, tara quddiemek ħajt. Bejn il-ħajt u l-bieb, fl-art, tara donnu qabar, imdawwar bi tnax-il kandlier kbar, bħal kandlieri tal-blandun, u fuqu mdendla tmien fanali mixgħula (ara r-ritratt fil-ħarġa t'April-Ġunju, dis-sena, faċċata 36). Imma daka ma hux qabar. Taħtu jingħad li hemm il-blata li fuqha Ġużeppi u Nikodemu keffnu Ġisem Kristu fil-lizar, qabel ma difnuh.

Fil-lemin tara donnha dar, taħt is-saqaf, bil-bejt tagħha mdawwar bil-balavostri, li titla' għal fuqu minn żewġ tirġien. Id-"dar" hija kappella, jgħidulha ta' Adam, taħt il-Kalvarju, u fuqu hemm tliet artali, tnejn tal-Franġiskani u wieħed tal-Griegi, fuq il-blata fejn waħlħu s-Salib. It-taqsima tal-Franġiskani, is-saqaf u l-ħitan fihom xbiehat tal-mużajk.

Meta tinżel minn hemm fuq, tarġa' tiġi ħada l-bieb; u jekk tidħol 'il ġewwa, lejn ix-xellug, tgħaddi minn taħt ħnejja u tiġi ġewwa knisja mdawra dawra mejt, bħal knisja tal-Mosta, imma iżgħar. Dil-knisja kien bniha Kostantinu, u fl-antik kienu jgħidulha l-**Anastasis.** F'nofsha sew hemm bħal kappella, donnha xi kappella minn dawk iż-żgħar li hemm iċ-Ċimiterju, li ġewwa fiha jinsab il-Qabar ta' Kristu. Hi magħmula minn żewġ kmamar żgħar: kamra barra u kamra ġewwa, bil-bieb ta' bejniethom baxx li trid tgħaddi minnu baxxut. Fil-kamra ta' ġewwa, mal-lemin, tara bħal sodda tar-rħam abjad, mixquqa f'nofsha, mill-wisa'. Taħtha jingħad li hemm bank tal-blat li fuqu meddew il-Ġisem mejjet ta' Ġesù.

Jekk wara li toħroġ mill-Qabar tibqa' dieħel 'il ġewwa, issib ruħek f'post li ma tistax tfisser kif inhuwa. Tara fih, 'l hemm u 'l hawn, kolonni qodma u m'hux bħal xulxin; ħitan suwed u rkejjen mudlama. Tara donnu għar b'żewġ kolonni quddiemu, minn ġewwa mudlam, u f'nofs id-dlam tazza tnemnem, tal-ħġieġ aħdar, quddiem xbieha ta' xi ħaġa. Dik hi kamra maqtugħa fil-blat, u hija tal-Griegi, u jgħidulha l-Ħabs ta' Kristu. X'ħin tgħaddi minn hemm, jekk tibqa' sejjer 'il ġewwa, trid timxi u żżomm mal-ħajt, għax ma tarax, daqs kemm hemm dlam.

Max-xellug, inti u miexi, tara bieb bid-dawl, u jekk tidħol fih, tinżel minn taraġ u ssib ruħek f'kappella taħt l-art. Hija kappella qadima, wieqfa fuq erba' kolonni qosra, u bil-koppla fuq, bittwieqi miftuħa u minnhom jinstemgħu l-għasafar ipespsu. Din hi l-kappella ta' Santa Liena. Fil-lemin tagħha hemm taraġ ieħor tal-ħadid wieqaf u dejjaq, li jagħti għal ġewwa bir mudlam, fejn Santa Liena sabet is-Salib. Dan il-bir



**A: Misraħ quddiem il-Bażilka. B: Bieb tal-Bażilka. C: Knisja tal-Qabar ta' Kristu. D: Il-kor tal-Franġiskani. E: Il-kor tal-Griegi. F: Kappella tal-Kalvarju. G: Kappella ta' S. Liena.**

**1. Il-Ħaġra li fuqha keffnu l-Ġisem ta' Ġesù. 2. Fejn waqfet il-Madonna waqt li Ġesù kien imsallab. 3. Il-kamra ta' barra, u 4. Il-kamra ta' ġewwa, fejn kien imqiegħed Ġesù mejjet. 5. Kappella tas-Sirjani. 6. Artal tal-Maddalena. 7. Artal tal-Kolonna tal-Flaġellazjoni. 8. Kunvent tal-Franġiskani. 9. Sagristija tal-Franġiskani. 10. Kappella ġol-blat, jgħidulha l-Ħabs ta' Kristu. 11. Artal ta' S. Lonġinu. 12. Artal tal-Qsim tal-Ħwejjeġ. 13. Ġiebja, fejn S. Liena sabet is-Salib. 14. Artal tal-Improperji. 15. Fejn sammru l-Ġesù mas-salib. 16. Fejn waqqfu s-salib b'Ġesù fuqu. 17. Artal tad-Duluri. 18. It-taraġ tal-Kalvarju. Fil-pjanta ż-żgħira. 19, 20, 21. Kappella t'Adam, taħt il-Kalvarju (l-iswed: il-biċċa tal-Blata Mqaddsa, li baqa' l-lum). 22. Fejn il-Griegi jżommu r-Relikwi. 23. Kappella ta' S. Marija l-Eġizjana. Mill-ġdid il-pjanta l-kbira. 24. Kappella ta' S. Mikiel. 25. Kappella ta' S. Ġwann. 26. Kunvent Grieg ta' S. Abraham. 27. Kanpnar tal-Bażilka (mibni fil-1160). 28. Menqa tal-magħmudija. 29. Kappella ta' S. Ġakbu tal-Griegi.**

ħuwa tal-Franġiskani u fih hemm artal u fuqu sura ta' Santa Liena, tal-bronż, tħaddan is-Salib (ara l-aħħar ħarġa ta' dal-qari, Lulju-Settembru, faċċati 73 u 74).

Imbagħad titla' minn ġewwa l-bir, tarġa' tgħaddi mill-kappella ta' Santa Liena, titla' t-taraġ ta' fuq, tiġi fil-kuridur il-mudlam, imma tibda tara ħajta dawl. Tibqa' miexi u tara bieb kbir, jagħti għal ġewwa bitħa, iċċangata bil-ħaġar abjad, jilma' fix-xemx. "Hi!" tgħid f'qalbek. "Araw hawn bieb ieħor!" Imma meta tħares sewwa tifhem li dak ma hux bieb ieħor. Dak hu l-bieb innifsu li dħalt minnu! F'dak il-kuridur il-mudlam, meta kont timxi u tħasses mal-ħajt, minngħalik li kont timx idritt, imma kont qiegħed iddur. Għal hekk issa ġejt minn fejn tlaqt, mingħajr ma taf.

Hekk bil-ħsieb, dorna dawra qasira mal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, u rajna qisna kollox. Taf x'ma rajniex biss minħabba l-għaġla? Is-Sagrestija tal-Franġiskani u l-Kor, fejn igħidu l-uffizzju f'nofs il-lejl.

FRA ELIJA, O.F.M.

---

## IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

### IL-PARABBLI TAL-EVANĠELJU

Min qara darba f'ħajtu mqar faċċata waħda tal-Evanġelju jew daħal imqar darba l-Knisja jisma t-tifsir tal-Evanġelju, aktarx li jaf bil-kelma "parabbla". U din hi kelma li ġie li ngħiduha wkoll fit-taħdit tagħna ta' kull jum. Hekk ġie li ngħidu: "Ġejj b'ħafna parabbli! U b'dan irridu nfissru kliem li bih irridu naħbu l-verità, kliem li juri ħaġa b'oħra, kliem li ma jfisserx dak li għandna f'moħħna. Imma ma nistgħux ngħidu li Kristu bil-parabbli tiegħu ried jaħbi l-verità u juri ħaġa b'oħra. Mela xinhi l-parabbla tal-Evanġelju? Ngħiduh fi ftit kliem. Il-parabbla hi rakkont ivventat, iżda meħud mill-ħajja, biex wieħed aktar ifiehem xi tagħlim tqil biex wieħed jifhmu. Ġesù Kristu tana ħafna tagħlim fuq il-Knisja li kien sa jwaqqaf u li kellha tkun il-bieb tal-ġenna. Dan kien tagħlim tqil li l-poplu ma kienx jista' jifhem malajr. Għalhekk Kristu kien jinqeda b'ħafna tixbihat biex ifiehem lill-poplu dak li ma kienx jifhem kieku kellmu ċar. Nieħdu eżempju. Il-Lhud kienu jafu li huma kienu l-poplu ta' Alla, il-poplu magħżul minn Alla. Is-saltna tas-smewwiet, minn għalihom, kienet għalihom biss. Biżżejjed tkun Lhudi, min-nisel Abraham, biex tidħol fis-saltna tas-sema. Jekk issa Kristu ġie jxandar is-saltna ta' Alla, li kienet il-Knisja bħala triq għall-ġenna, huma setgħu jaħsbu li biżżejjed għalihom li jidħlu fil-Knisja biex jiksbu s-saltna tas-smewwiet. Kristu jrid ineħħilhom dil-fehma. Kif? Permezz ta' parabbla; permezz ta' rakkont li mhux veru, imma li donnu veru. Igħidilhom: Is-saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sajjied li jitfa x-xibka l-baħar u jaqbad qabda ħut. Jiġbed ix-xibka l-art, jagħżel il-ħut; it-tajjeb jitfgħu ġol-qfief għal bejgħ; il-ħażin jarmih. Rakkont bħal dan malajr jifhmuh, u għalhekk malajr setgħu jifhmu li mhux kull min jidħol fil-Knisja jsalva żgur.

Mela l-parabbla hi mezz popolari ta' tagħlim. S. Ġrolmu, li għadda ħafna snin fil-Palestina, jgħid li s-Sorjani mdorrijin idaħħlu l-parabbli huma u jitħaddtu, biex dak li wieħed ma jistagħx